MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2010

Avviz Numru. 77/2007

**Mario Scerri ID 279951(M)**

**Vs**

**Darren u Charles Mifsud**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu s-somma komplessiva ta’ erbat elef u sitt mitt lira Maltin (Lm4600) rapprezentanti valur tal-vettura Seat Ibiza bin-numru AAN 282 proprjeta tal-attur u li tinsab fil-pussess tal-konvenuti, flimkien ma danni u hsarat li l-attur sofra minhabba l-agir tal-konvenuti.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-konvenuti (fol 9 ibid) u li biha esponew bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur stante ili, fl-ewwel lok, kien l-istess attur illi insista ma' l-eccipjenti illi jeffettwaw xogholijiet fuq il-vettura tieghu, minkejja l-pariri professjonali taghhom illi l-istess vettura kienet *beyond economical repair* u sussegwentement, l-istess attur irrifjuta illi jhallas ghat-tiswijiet effettwati mill-eccipjenti biex b'hekk tkun tista' tigi rilaxxata lilu l-vettura, jew imqar illi jaghmel pagament akkont ulterjuri sabiex ikunu jistghu jigu finalizzati x-xogholijiet ta' tiswija;
2. Illi fi kwalunkwe kaz, u assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, il-valur tal-vettura in kwistjoni ma jeccedix it-tmien mitt Lira Maltija (Lm800.00) u ghalhekk it-talba attrici hija ferm eccessiva.
3. Illi fit-tieni lok, l-eccepjenti illi agixxew fuq insistenza ta' l-attur, kif ga' nghad, ma kkagunaw l-ebda danni lill-istess attur, u agixxew skond is-sengha u bl-ahjar diligenza indikata skond il-Ligi, u l-istess eccipjenti ma jahtu xejn ghall-agir ta' l-attur kif fuq spjegat skond il-principju v*olenti non fit iniuria*, b'dan illi m'hemm l-ebda ammont x'jigi likwidat favur l-attur in linea ta' danni;
4. Illi huwa effettivament dovut lill-eccipjenti hlas minghand l-attur ghal tiswijiet u spejjez ancillari u relatati minhom maghmula in konnessjoni mal-vettura in kwistjoni, liema pretensjoni tifforma l-mertu tal-kontro-talba pprezentata kontestwalment ma 'dan l-att.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro talba tal-istess konvenut (fol 10 tal-istess atti), u li biha, permezz ta' rikors, wara li ppremettew:-

a. <u>Dikjarazzjoni tal-fatti:</u>

1. Illi l-attur rikonvenut ha l-vettura Seat Ibiza bin-numru ta' registrazzjoni AAN 282, ghat-tiswija fil-garaxx tal-konvenuti rikonvenjenti, wara li din kienet garrbet hsarat f'incident stradali;
2. Illi din il-vettura giet immanifatturata fl-1995 u l-valur taghha fis-suq meta din giet depozitata ghand il-konvenuti rikonvenjenti, ma kienx jeccedi t-tmien mitt Lira

Maltin (Lm800.00) b'dan illi l-istess vettura kienet, effettivament, *beyond economical repair*;

3. Illi fil-fatt, il-konvenuti rikonvenjenti kienu avzaw lill-attur rikonvenut illi ma kienx ekonomikament vijabbli illi l-vettura tigi msewwija, u anke tawh parir sabiex ma jsewwix, izda l-attur rikonvenut baqa' jinsisti illi xorta wahda jsir ix-xoghol ta' tiswija.

4. Illi fuq tali nsistenza da parti ta' l-attur rikonvenut, il-konvenuti rikonvenjenti accettaw illi jaghmlu t-tiswijiet, u sahansitra kkoncedew lill-attur rikonvenut vettura minn taghhom u dan ghamel uzu minnha ghal xi tliet xhur, u ghalhekk bir-rata bazika ta' kumpens ghall-uzu ta' hames liri Maltin u disghin centezmu (Lm5.90) kuljum, l-attur rikonvenut ghandu jaghti lill-konvenuti rikonvenjenti s-somma ta' hames mija u wiehed u tletin Lira Maltin (Lm531.00) f'dan ir-rigward;

5. Illi l-konvenuti rikonvenjenti ghamlu xoghol ta' *panel beating* u *spray painting* fuq l-imsemmija vettura, illi skond l-*invoice* relattiva (illi kopja taghha qieghda tigi annessa u esebita u mmarkata bhala **Dok A**) jammonta ghal hames mitt Lira Maltija (Lm500.00);

6. Illi l-konvenuti rikonvenjenti xtaw xi *parts* minghand TPG Auto parts Malta Limited, kif mitluba u awtorizzati mill-attur rikonvenut, sabiex ikunu jistghu jaghmlu x-xoghol mehtieg fuq il-vettura msemmija, kif dettaljat fir-ricevuta (li kopja taghha qieghda tigi annessa u esebita u mmarkata bhal **Dok B**), liema *parts* jammontaw ghall-ispiza ta' seba' mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm725.50);

7. Illi ghalhekk l-ispiza totali dovuta mill-attur rikonvenut lill-konvenuti rikonvenjenti tammonta ghal elf seba' mija u sitta u hamsin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1756.50);

8. Illi sal-gurnata tal-lum l-attur rikonvenut ghadu hallas lill-konvenuti rikonvenjenti biss is-somma ta' mitejn u hamsin Lira Mlatin (Lm250.00), b'dan illi huwa dovut minnu l-ammont bilancjali ta' elf hames mija u sitt Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm1506.50)

b. <u>Raguni ghat-talbiet f'dawn il-proceduri</u>

Illi l-prezenti procedura qeghdin isiru sabiex dina l-Onorabbli Qorti tikkudanna lill-attur rikonvenut ihallas lill-konvenuti rikonvenjenti l-ammont bilancjali ta’ elf hames mija u sitt Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm1506.50) lilhom dovuti bhala hlas ghax-xoghol illi huma ghamlu fuq il-vettura tieghu u spejjez ancillari u relatati;

c. <u>Talbiet tal-konvenuti rikonvenjenti</u>.

Ghaldaqstant il-konvenuti rikonvenjenti, in vista ta’ dak kollu fuq premess, talbu illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara illi l-attur rikonvenut ghandu jhallas lill-konvenuti rikonvenjenti ghall-valur tax-xoghol illi huma ghamlu fuq il-vettura tieghu u spejjez ancillari u relatati, kif fuq premess;
2. Tillikwida, *occorrendo* bl-opera ta’ periti nominadi, l-ammont ta’ hlas dovut mill-attur rikonvenut lill-konvenuti rikonvenjenti in konnessjoni mat-tiswijiet tal-vettura msemmija u spejjez ancillari u relatati kif fuq premess, fl-ammont ta’ elf hames mija u sitt Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm1506.50) jew somma ohra verjuri;
3. Tikkundanna konsegwentement lill-attur rikonvenut sabiex ihallas lill-konvenuti rikonvenjenti s-somma ta’ elf hames mija u sitt Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm1506.50) jew somma ohra verjuri, dovuta kif fuq premess.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data ta’ dan l-att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-attur rikonvenut li jibqa’ minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess kontro talba a fol 13 sa fol 16 ibid.

Rat ir-risposta tal-attur Mario Scerri ghall-kontro talba tal-konvenuti (fol 18 ibid) u li biha espona bir-rispett:

a. Illi in linea preliminari t-talba ghall-hlas hi preskritta ai termini tal-artikolu 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b. Illi t-talbiet fil-kontro-talba taghhom huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt il-kawza.
c. Illi l-allegazzonijiet maghmula huma inveritiera ghal kollox.
d. Illi l-attur rikonvenut m'ghandu jhallas l-ebda spejjez.
e. Illi t-talbiet tal-konvenuti rikonvenjenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghhom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi.

Rat in-nota spjegattiva tal-attur a fol 23 ibid u li biha ddikjara illi l-kontro talba tal-konvenuti hi preskritta taht l-artikolu 2148(a) u (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata in rigward il-kontro talba tal-konvenuti.

Ikkunsidrat

Illi din is-sentenza tirreferi ghall-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mill-attur vis-à-vis il-kontrotalba maghmula mill-konvenuti u dan a bazi tal-artikolu 2148(a) u (f) fejn jinghad illi l-azzjonijiet rispettivament ta' persuni li jahdmu sengha jew arti mekkanika ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xogholijiet taghhom jew tal-materjal li jfornu u ta' kull persuna ghall-kera ta' hwejjeg mobbli huma preskritti bl-gheluq ta' tmintax-il (18) xahar.

Illi, dwar din l-eccezzjoni, l-attur Mario Scerri xehed (fol 26 ibid) illi hu kien ha, ghand il-konvenuti, il-karozza in kwistjoni sabiex tissewwa u dan '…matul Frar 2005' izda l-istess konvenuti kienu zammewha ghandhom.

Illi l-konvenut Charles Mifsud (fol 29 sa fol 31 ibid) spjega illi hu jaghmel xoghol bhala 'sprayer' u 'panel beater' flimkien ma ibnu Darren Mifsud il-konvenut l-iehor (fol 32 ibid). Dawn spjegaw illi l–attur kien gab il-karozza in kwistjoni sabiex titranga u 'dan … madwar erba', hames snin ilu' ossija fl-2004/2005 u avolja l-istess attur kien

inghata l-parir li kienet ‘beyond economical repair’. L-istess attur kien dam xi tlett xhur jahsibha dwar jekk jirrangahiex jew le. Izda eventewalment jidher li ddecieda fil-posittiv u ngibu l-‘parts’ relattivi u mehtiega kemm minn sorsi lokali kemm minn barra minn Malta. Madwar tlieta, erba’ snin ilu ‘il-karozza nghatat lura izda gara li l-istess karozza ingiebet lura minhabba hsara fix-‘shaft’ u ghalhekk rega’ beda l-process ta’ riparazzjoni li kien jinkudi ‘parts’ anke barra minn Malta. Skond il-konvenuti, x-xogholijiet ghadhom ma tlestewx peress li ‘.. konna qedin nistennew il-parts’. Meta huma rcevew karta mill-Qorti …… ‘waqqafna kollox’ u l-vettura ghadha fil-pussess tal-konvenuti.

Ikkunsidrat

Illi minn dak premess, specjalment mill-ahhar parti ta’ dak li qalu l-konvenuti, kif hawn fuq citat, jidher li t-terminu tal-preskrizzjoni vis-à-vis il-kontro talba ghadu ma jiddekorriex jekk, filfatt, jista’ jinghad li dan it-terminu beda’ jiddekorri u ghalhekk din l-eccezzjoni, bl-ebda mod, ma tista’ tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata in rigward il-kontro talba tal-konvenuti u Tordna li dan il-kaz jitkompla fil-meritu kemm in rigward it-talba in esami kemm in rigward il-kontro talba u l-eccezzjonijiet rispettivi.

Bl-ispejjez riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------